KUNSILL LOKALI FGURA

126-128. 'KUNSILL LOKALI FGURA' TRIQ HOMPESCH, IL-FGURA FGR2015 TEL: 21 664000 email: fgura.lc@gov.mt

# ID-DISA' LEĠISLATURA

## Minuti

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Fgura

**Laqgħa Numru 40/2026**

Data: L-Erbgħa 29 ta' Lulju 2026

Ħin: 17:30hrs

Post: Kunsill Lokali Il-Fgura, 126-128. Triq Hompesch, Il-Fgura.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Sur Clayton Cascun Portelli | Sindku |
| | Sur Charles Bonello | Kunsillier |
| | Sur Mark Lombardo | Kunsillier |
| | Sa Josianne Scicluna | Kunsilliera |
| | Dott Ryan Ellul | Kunsillier |
| Skużat/i: | Sur Ray Deguara | Kunsillier |
| | Sur Adrian Tanti | Kunsillier |
| Assenti: | Chev Darren Marmara | Viċi Sindku |
| | Sur Izak Catania De Giovanni | Kunsillier |
| | Sa Ann Marie Gatt | Deputat Segretarju Eżekuttiv |

**AĠENDA**

40.1 TALBIET TA' APOLOĠIJA

40.2 MINUTI

40.3 PUNTI MQAJJMA MILL-MINUTI

40.4 KORRISPONDENZA

40.5 PLANNING AUTHORITY

40.6 MEMOS U KOMUNIKAZZJONI MID-DIPARTIMENT TAL-GVERN LOKALI

40.7 KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

40.8 MISTOQSIJIET

40.9 MOZZJONIJIET

40.10 TENDERS, QUOTATIONS, KUNTRATTI U OFFERTI

40.11 FINANZI

40.12 TRAFFIC MANAGEMENT

40.13 PROĠETTI, TOROQ U XOGĦOLIJIET INFRASTRUTTURALI

40.14 PROGRESS TA' ĦIDMA MILL-MEMBRI TAL-KUNSILL

40.15 STAFF

40.16 PURCHASE REQUEST FORM

40.17 ĦLASIJIET

40.18 AĠĠORNAMENT

---

Il-laqgħa tal-Kunsill bdiet fis-18:00 minħabba l-'quorum', bis-Sindku jrodd is-salib u rringrazzja lil min kien preżenti.

## 40.1 TALBIET TA' APOLOĠIJA

**40.1.1** Kien hemm żewġ talbiet ta' apoloġija mingħand il-Kuns R Deguara u l-Kuns A Tanti. Il-Kunsill approva dawn it-talbiet.

## 40.2 MINUTI

**40.2.1** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7463/26/9** 'Sabiex dan il-Kunsill japprova l-minuti tal-laqgħa 39/2026 bid-data 24 ta' Ġunju 2026.'

Din kienet sekondata mill-Kuns R Ellul.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

## 40.3 PUNTI MQAJJMA MILL-MINUTI

**40.3.1** Ma tqajjem l-ebda punt f'dan ir-rigward.

## 39.4 KORRISPONDENZA

**40.4.1** Is-Sindku nforma l-kamra li l-Kunsill irċieva talba għal ġemellaġġ fejn qed jiġu nkorporati l-għaqdiet tal-lokal ukoll, bejn is-6 u t-8 ta' Settembru 2026. Il-Kuns C Bonello staqsa lis-Sindku jekk il-każin tal-Banda ġiex infurmat, fejn is-Sindku wieġeb li rċevew il-korrispondenza huma wkoll u li l-Kunsill għandu jiltaqa' magħhom.

Il-Kuns C Bonello ressaq mozzjoni ref: **7464/26/9** 'Mozzjoni sabiex dan il-Kunsill jesplora l-possibilità ta' forma ta' Ġemellaġġ ma' Ġela (Sqallija) kif ukoll delegazzjoni tal-Kunsill iżżur il-lokalità skond l-ittra annessa għal spiża ta' mhux iktar minn €3000.'

Din kienet sekondata mis-Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**40.4.2** Is-Sindku nforma l-kamra li l-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand il-Cancer Research and Innovation Hub Malta, fejn qed jintalbu sitt spazji ta' parkeġġi mis-6:00am sas-2:00pm fi Pjazza Reggie Miller biex ikunu jistgħu jiġu bil-vann u jagħmlu testijiet tas-saħħa b'xejn lir-residenti tal-Fgura. Il-Kuns J Scicluna qalet li kienet ser titkellem fuq din il-materja peress li qed issir fil-Kunsilli Lokali. Is-Sindku qal li l-Kunsill irċieva wkoll u l-Kuns J Scicluna qalet li ma rċeviet xejn. Is-Sindku wieġeb li din il-korrispondenza ntbagħtet lilu u l-Kuns J

Scicluna talbet lid-Deputat Segretarju Eżekuttiv sabiex tintbagħat lilha wkoll. Is-Sindku qara l-korrispondenza annessa bħala 'Dok A'. Is-Sindku qal lid-Deputat Segretarju Eżekuttiv sabiex jintalab kopja tal-'poster'.

**40.4.3** Is-Sindku nforma l-kamra li wara li l-Kunsill għamel l-appell tal-Planning Authority f'Sejba Punika, il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand is-sidien fejn qed jitolbu sabiex jiltaqgħu mal-Kunsill. Is-Sindku qal li l-Kunsill ser jaċċetta li ssir laqgħa magħhom u li jkun għaqli li jattendu wkoll il-perit jew l-avukat tal-Kunsill. Il-Kuns C Bonello qal li l-Kunsill għandu jara huma lil min ser ikollhom preżenti u l-Kunsill jagħmel l-istess. Is-Sindku qal lid-Deputat Segretarju Eżekuttiv sabiex jiġi mistoqsi min ser ikun preżenti għall-laqgħa u jiġu mitluba tlett dati tentattivi meta tista ssir din il-laqgħa.

## 40.5 PLANNING AUTHORITY

**40.5.1** Is-Sindku nforma l-kamra li l-Planning Authority qed tinforma l-Kunsilli Lokali sabiex ma jkunx hemm ħafna tibdil ta' nies u kuntatti differenti. Is-Sindku qara l-'email' li rċieva l-Kunsill annessa bħala 'Dok B'. Is-Sindku qal li dan ifisser li jekk tibgħat il-perit tal-Kunsill f'isem il-Kunsill Lokali, għandha tibqa tibgħat il-perit, fejn normalment hekk isir. Is-Sindku qal ukoll li jekk tkun 'objection', tibgħat is-Segretarju Eżekuttiv u tirċieva hija stess. Is-Sindku żied jgħid li kien hemm xi Kunsilli Lokali fejn kienu qed jibgħatu nies differenti b'indirizz tal-imejl jew numru differenti, għaldaqstant qed jintalab li dan ma jibqax isir.

## 40.6 MEMOS U KOMUNIKAZZJONI MID-DIPARTIMENT TAL-GVERN LOKALI

**40.6.1** Is-Sindku nforma l-kamra li kienet inqalat kwistjoni fejn meta jiġu bbukjati l-Pulizija għal attività, kien hemm 'timeframe' li jekk jiġu maqbuż, l-'invoice' tal-Pulizija trid titħallas bis-sħiħ. Is-Sindku qal li l-Kunsill irċieva 'email' mill-AKL flimkien mal-Pulizija rigward dan. Is-Sindku qara l-'email' annessa bħala 'Dok Ċ'. Il-Kuns C Bonello qal li jekk tiġi kkanċellata l-attivita anke minħabba f'każ ta' xita, il-Pulizija jiġu xorta u jagħtu servizz f'post ieħor fil-lokalità.

**40.6.2** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7465/26/9** 'Sabiex dan il-Kunsill japprova l-ħlas ta' €585 għal Ċir AKL 2026/053 Group Life Policy 2026-2027 għal membri eletti.'

Din kienet sekondata mill-Kuns R Ellul.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**40.6.3** Is-Sindku nforma l-kamra li rċieva korrispondenza mill-AKL għal żjara ta' kortesija għas-Sindki, biex jiltaqa' mal-Papa ġewwa Ruma bejn l-20 u t-22 ta'

Ottubru 2026. Is-Sindku qal li kif gwidat mill-AKL, l-akkomodazzjoni għandha titħallas mill-Kunsill Lokali.

Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7466/26/9** 'Sabiex dan il-Kunsill japprova l-ħlas għal lukanda Emmaus ġewwa Ruma f'isem is-Sindku waqt iż-żjara mal-Papa bejn 20-22 ta' Ottubru 2026.'

Din kienet sekondata mill-Kuns R Ellul.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**40.6.4** Is-Sindku nforma l-kamra li l-Kunsill irċieva 'email' mill-AKL rigward expo li ser issir f'Barċellona bejn it-3 u l-5 ta' Novembru 2026. Is-Sindku qara l-korrispondenza annessa bħala 'Dok D'. Is-Sindku qal li kellmu l-Kuns I Catania De Giovanni fejn wera nteress li jixtieq jattendi u għaldaqstant huwa mportanti li jattendi għal din il-laqgħa bi proġett li jista jiġi esebixxit hemmhekk. Is-Sindku qal li minkejja li ġie kkomunikat dan, il-Kuns I Catania De Giovanni ma attendiex għall-laqgħa, fejn anke prova jikkuntattjah. Il-Kuns J Scicluna qalet li għall-ewwel kienet interessata, però kif indunat li l-Kuns I Catania De Giovanni wera nteress ukoll, bagħtet 'email' li kienet tgħid li m'għadhiex interessata. Is-Sindku qal li din jidħlu fiha żewġ dekasteri li huma responsabbiltà tal-Kuns C Bonello u l-Kuns I Catania De Giovanni. Is-Sindku qal li jixtieq li l-Kunsill jitla bi proġett bħal xogħolijiet li saru fil-lokal. Is-Sindku żied jgħid li l-Kunsill jista jiċċekkja mal-AKL ukoll biex il-Kunsill jara x'proġett jista jittella. Il-Kuns J Scicluna qalet li hija ma tridx titla biex tagħti ċans lil ħaddieħor, però min ser jitla għal din l-expo irid jaħdem, juri x-xogħol u jattendi għall-laqgħat tal-Kunsill. Il-Kuns C Bonello qal li jrid jiċċekkja jekk ikunx disponibbli biex jattendi.

Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7467/26/9** 'Sabiex dan il-Kunsill japprova żewġ kunsilliera li jitilgħu Expo ġewwa Barċellona minn 3-5 ta' Novembru 2026 għal Expo Smart City.'

Din kienet sekondata mill-Kuns C Bonello.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**40.6.5** Is-Sindku nforma l-kamra li l-Kunsill irċieva 'email' mid-Dipartiment rigward l-inizjattiva 'Malta Tells', li huwa proġett artistiku u kulturali innovattiv fejn għandu l-għan li jippromwovi l-lokalitajiet ta' Malta u Għawdex permezz ta' esperjenzi kreattivi li jenfasizzaw l-identità, l-istorja, il-kultura u l-karatteristiċi uniċi ta' kull komunità. Is-Sindku qara l-'email' annessa bħala 'Dok E'. Is-Sindku qal li l-Kunsill ser jiltaqa' magħhom u jiġu msemmija proġetti li saru fil-lokalità.

## 40.7 KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

**40.7.1** Is-Sindku nforma l-kamra li l-Kunsill irċieva 'email' mingħand il-Kuns M Lombardo rigward l-iskart fil-lokal. Is-Sindku qara l-'email' annessa bħala 'Dok F'. Wara diskussjoni, kien hemm qbil li l-Kunsill għandu jieħu parir legali mingħand l-avukat tal-Kunsill rigward l-iskart tal-ħwienet, peress li s-sidien tal-ħwienet għandhom kuntrattur privat biex jinġabar l-iskart.

**40.7.2** Is-Sindku nforma l-kamra li waqt l-aħħar laqgħa tar-Reġjun Port, bħala parti mir-Reġjun Kulturali 2026, ser jinħarġu sett ta' bolol għal kull lokalità, fejn f'waħda minn dawn il-bolol għandu jkun hemm l-emblema tal-Kunsill. Is-Sindku qal li l-President tar-Reġjun infurmahom li peress li kien hemm xi Reġjuni oħra li kellhom tema reliġjuża, ma tistax tintuża l-istess tema mill-Kunsilli Lokali kollha, u għaldaqstant kull Kunsill għandu jibgħat ritratti antiki tal-lokalità lir-Reġjun. Wara diskussjoni, kien hemm qbil li għandhom jintbagħtu ritratti ta' l-emblema tal-Kunsill, tas-Sejba Punika, tal-monument tas-salib, tal-Knisja, tan-niċċa tal-Karmnu, tal-binja tal-Kunsill, tal-'milestone', tan-niċċa tal-Grazzja, tal-bust ta' Nazzareno Farrugia u tal-bandiera mal-arblu li turi l-arma tal-Fgura.

**40.7.3** Is-Sindku nforma l-kamra li fir-rigward tal-monument li għandu jsir minn naħa tar-Reġjun Port li kien diġà ssemma f'waħda mill-laqgħat tal-Kunsill preċedenti, il-Kunsill kien talab lir-Reġjun li jiġi magħżul artist ieħor li joħloq disinn ieħor għal dan il-monument. Is-Sindku qal li bħala artist intagħżel is-Sur Aldo Consiglio biex joħloq monument li fih jiġbor il-lokalità tal-Fgura, fejn ressaq abbozz sabiex dan il-monument jinħadem minn naħa tar-Reġjun u jsir kuntratt, u jintagħżel post fejn dan jista jitqiegħed. Is-Sindku qal ukoll li dan il-monument huwa sabiħ ħafna u għaldaqstant għandu jkun fil-qalba tar-raħal. Is-Sindku żied jgħid li l-monument huwa maħsub li jitqiegħed minflok kolonna u statwa li tiġi armata fil-festa, fejn il-grupp tal-armar tal-festa ma jsibux oġġezzjoni li din titqiegħed f'post ieħor biex minflokha jitpoġġa l-monument. Is-Sindku kompla jgħid li ser jingħata l-kejl tal-kolonna u l-istatwa. Il-Kuns C Bonello qal li l-monument għandu jiġi itwal mill-kolonna u l-istatwa tal-festa, peress li l-pjazza hija kbira u l-bini ser ikompli jogħla fit-tul. Is-Sindku wera l-monument lill-membri tal-Kunsill u qal li dan jirrappreżenta l-passat, minn fejn oriġinat il-kelma 'Fgura' u l-futur, u li juri karrettun li jirrappreżenta l-irziezet li kienu fil-Fgura, il-fuħħar li jirrappreżenta s-Sejba Punika li nstabet fil-Fgura, il-figura tal-mara, il-bini modern li jinsab fil-Fgura u l-Knisja tal-Fgura. Is-Sindku qal li l-Kuns C Bonello talab ukoll li taħt il-Knisja, issir l-arma tal-Fgura biex tiġi nkorporata, fejn din it-talba ġiet aċċettata.

Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7468/26/9** 'Mozzjoni sabiex isir monument fil-ġebla minn Aldo Consiglio liema finanzjament ser isir mir-Reġjun Port. Madankollu, il-Kunsill jixtieq li minħabba l-kobor tal-Pjazza (Pjazza Kunsill tal-Ewropa), dan il-monument għandu jsir kbir biżżejjed anke jekk il-Kunsill joħroġ fondi addizzjonali mill-fondi tal-Kunsill sa €5,000.'

Din kienet sekondata mill-Kuns C Bonello.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**40.7.4** Is-Sindku nforma l-kamra li talab biex issir laqgħa rigward l-inċident li seħħ bejn Triq Hompesch u Triq Ħaż-Żabbar fejn vettura baqgħet tiela fuq il-monument tal-Fgura li jinsab fir-roundabout ta' fejn it-Tip Top u saret ħsara konsiderevoli lill-monument. Is-Sindku qal li din il-laqgħa saret mal-Pulizija, mal-avukat tal-Kunsill, mal-perit u ma' ex-kunsillier li kien ħa ħsieb ix-xogħolijiet tal-monument. Is-Sindku qal ukoll li l-avukat talab kopja tar-rapport lill-Pulizija u dawn għandhom jibgħatuh, u li l-perit qed tkellem li min kien ingħata t-tender biex isir il-monument sabiex jgħaddilha l-BOQ tal-ispejjeż li hemm. Is-Sindku kompla jgħid li hekk kif il-perit ikollha l-BOQ, l-avukat ser jibgħat lill-kumpanija tal-assigurazzjoni ta' min ħabat bil-vettura fil-monument. Huwa żied jgħid li l-Pulizija tal-inċidenti tat-traffiku qatt ma semmew li ntlaqat il-monument, però qed jiksbu r-ritratti tad-'drones' biex ikun hemm prova ta' dan u l-avukat ġabar il-'portals' kollha li qed jgħidu li vettura baqgħet dieħla fil-monument tal-Fgura biex ikun hemm aktar provi. Is-Sindku qal li kif kollox ikun miġbur, ser tiġi kkuntattjata l-kumpanija tal-assigurazzjoni ta' min kellu l-inċident, u li ser tiġi mitkellma l-kumpanija tal-assigurazzjoni tal-Kunsill. Is-Sindku qal ukoll li hekk kif tinfetaħ il-'claim', il-Kunsill ikun jista jirranġa bil-kumpanija tal-assigurazzjoni tiegħu u wara din tfittex lill-kumpanija tal-assigurazzjoni ta' min kien involut fl-inċident. Is-Sindku qal ukoll li l-monument irid jinqala mill-post u jintbagħat għar-restawr.

**40.7.5** Is-Sindku nforma l-kamra li l-proġett ta' Wied Blandun ġie aċċettat minn Project Green, wara mozzjoni li kienet saret fis-snin imgħoddija waqt laqgħa tal-Kunsill preċedenti. Is-Sindku qal li ltaqa fuq il-post mas-Sindku ta' Raħal Ġdid kif ukoll mal-'project managers' li ser jieħdu ħsieb l-'area', u li tkellmu rigward il-periferiji tal- Fgura u ta' Raħal Ġdid safejn jaslu u minn fejn jibdew. Is-Sindku qal li kien hemm qbil li mit-tarf tal-bankina minn fejn jibda l-Wied 'il ġewwa jaqa taħt il-Fgura u li mill-bankina 'l barra jaqa kollu taħt Raħal Ġdid. Il-Kuns C Bonello qal li l-Kunsill għandu jagħmel talba sabiex il-Wied kollu jaqa taħt il-Fgura, peress li hemm il-biċċa ta' fejn hemm il-bankijiet li hija l-parti t-tonda ta' taħt it-

triq li jirreferu għaliha bħala l-benniena u biċċa minn Għajn Dwieli li jaqgħu taħt il-lokalita ta' Raħal Ġdid. Il-Kuns C Bonello qal ukoll li għandu jkun hemm bidla fil-konfini. Wara diskussjoni, kien hemm qbil li l-Kunsill għandu jitlob sabiex parti żgħira li taqa taħt Raħal Ġdid tkun mitluba biex tiġi taħt il-Fgura. Is-Sindku qal li beda l-proċess ta' 'hoarding' għax ser jitnaddaf u ser isir park, però mhux ser jintmiss għax huwa taħt il-protezzjoni ta' Natura Siġar 2000 fejn ma jista jsir xejn ħlief li jitnaddfu l-'walkways', isir id-dawl, jitneħħew is-siġar invasivi u jsiru l-kameras mad-dawra tat-triq kollha biex il-pubbliku ma jibqax jarmi l-iskart fil-Wied illegalment. Is-Sindku qal ukoll li huwa talab biex issir 'fence' ta' 1.2 metri mad-dawra tal-Wied kollu sabiex ma jibqax jintrema l-iskart, però s'issa din it-talba għadha ma ġietx aċċettata għaldaqstant għandha terġa ssir aktar 'il quddiem.

**40.7.6** Is-Sindku nforma l-kamra li l-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand ħanut tal-'hardware store' li l-Kunsill jixtri mingħandu, fejn hemm lista ta' kontijiet pendenti mis-snin 2020 sa 2024 li jammontaw għal €839, minħabba li dawn ma tħallsux peress li l-ħaddiema kienu jmorru jixtri mingħajr 'purchase order'. Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv qalet li l-'clerk' li jieħu ħsieb l-'accounts' iċċekkja mal-ħanut jekk il-Kunsill hux qed jeħel xi 'charges' fuq dawn il-kontijiet pendenti, fejn ir-risposta tagħhom kienet fin-negattiv però jistajkun li 'il quddiem il-Kunsill jibda jeħel xi 'charges' fuqhom. Il-Kuns C Bonello qal li l-affarjiet li nxtraw dejjem kellhom jingħataw bil-'purchase order' u mhux suppost ingħataw mingħajrha. Is-Sindku qara l-korrispondenza annessa bħala 'Dok Ġ'. Wara diskussjoni, is-Sindku qal lid-Deputat Segretarju Eżekuttiv sabiex tgħaddi l-'email' lill-Kuns R Ellul biex tiġi mwieġba.

**40.7.7** Is-Sindku nforma l-kamra li għaddej il-proċess tal-pjazza fejn kellu laqgħa mas-Segretarju Permanenti tal-Ministeru tal-Infrastruttura, fejn talab sabiex jimxi mat-talba tal-kabinett u titħallas il-valutazzjoni tal-art lill-Lands Authority mid-DPF minn naħa tal-Planning Authority, biex jkun jista jitkompla l-proċess. Is-Sindku qal li ġie maqbul li l-art li sar il-kuntratt fuqha mal-iżviluppatur tiġi mħallsa wkoll mid-DPF. Is-Sindku qal ukoll li bagħat 'email' lill-Ministru inkarigat mill-Infrastruttura fejn talbu l-assistenza. Is-Sindku qara l-'email' annessa bħala 'Dok Ħ'. Is-Sindku kompla jgħid li l-Kunsill għadu qed jistenna minn naħa ta' Infrastucture Malta u jkun jista jiġi diskuss il-proġett biex eventwalment jiġi parti minn Vjal Kulħadd.

**40.7.8** Is-Sindku nforma l-kamra li fir-rigward tal-kors tal-kalligrafija li kien ġie msemmi f'laqgħa tal-Kunsill preċedenti, dan ser jiġi offrut bħala kors tal-Lifelong Learning fil-Kunsill minn Ottubru 2026, fejn mhux ser ikun hemm ħlas involut.

**40.7.9** Is-Sindku nforma l-kamra li llum fit-8pm ser isir dramm bl-isem ta' 'Il-Wirt tal-Imħabba' minn naħa tar-Reġjun Port bħala parti mill-proġett Nexus fi Pjazza Patri Redent Gauci, fejn kulħadd huwa mistieden sabiex jattendi. Is-Sindku qal li

kien hemm talba biex f'każ li t-temp ma jippermettix, dan id-dramm ikun jista jsir fis-sala tal-Kunsill, però ġie deċiż li dan isir barra fi Pjazza Patri Redent Gauci.

**40.7.10** Is-Sindku nforma l-kamra li għal Jum il-Fgura tkellem mal-Kuns M Lombardo u qablu li l-Kunsill ma jaffordjax li jibqgħu jintnefqu flus kif kienu jintnefqu qabel, u għaldaqstant kien hemm l-idea li jiġu mitkellma l-banda tal-Korp tal-Pulizija. Is-Sindku qal li bagħat 'email' lill-Kummissarju tal-Pulizija u ġie kkuntattjat mis-Surmast, fejn ingħata d-data u l-ħin li fihom ser isir il-kunċert li huma t-23 ta' Ottubru 2026 fis-7.30pm u kkonferma li l-banda tal-Korp tal-Pulizija tista tattendi. Is-Sindku qal ukoll li s-Surmast li jidderiegi din il-banda kien propju l-ewwel Surmast li kellha l-banda tal-Fgura, u li l-ħlas għas-servizz mhux ser ikun aktar minn €3000 pero l-Kunsill għadu ma rċeviex il-kwotazzjoni. Wara diskussjoni, is-Sindku qal li l-Kunsill ser jibgħatilhom biex jipprova jingħata dan is-servizz bla ħlas.

**40.7.11** Is-Sindku nforma l-kamra li fir-rigward ta' Jum il-Fgura, iltaqa l-Bord tal-Onorifiċenzi u l-Kunsill irċieva 'email' u dokumenti annessi magħha bid-dettalji mingħand is-Sur Lincoln Cowles li huwa c-'chairman' tal-Bord. Is-Sindku qara l-'email' u d-dokumenti annessi bħala 'Dok I'. Is-Sindku qal li ż-żgħażagħ li jingħataw il-midalja, is-sena ta' wara jisthu jattendu biha għall-funzjoni u ma jilbsuhiex, għaldaqstant issuġġerixxa li jiġi ddisinjat il-'pin' iż-żgħir biex jintlibes lilu.

**40.7.12** Is-Sindku nforma l-kamra li l-polza tal-assigurazzjoni li tkopri l-binja tal-Kunsill waslet biex tiskadi u għaldaqstant trid tiġġedded.

Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7469/26/9** 'Sabiex dan il-Kunsill iġedded il-polza ta' assigurazzjoni li tkopri l-binja tal-Kunsill Lokali għall-prezz ta' €3,649.60.'

Din kienet sekondata mill-Kuns R Ellul.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**40.7.13** Is-Sindku nforma l-kamra li l-Kunsill irċieva minn naħa tal-Lands Authority biex jiġġedded il-kuntratt tal-latrina pubblika fi Pjazza Patri Redent Gauci, peress li wasal biex jiskadi.

Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7470/26/9** 'Sabiex jiġġedded il-kuntratt mal-Lands Authority għall-Public Convenience fi Pjazza Patri Redent Gauci.'

Din kienet sekondata mill-Kuns R Ellul.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**40.7.14** Is-Sindku nforma l-kamra li l-Kunsill irċieva 'email' mis-Sindku tal-Kunsill Lokali tal-Birgu ndirizzata lill-President tar-Reġjun Port. Is-Sindku qara l-'email' annessa bħala 'Dok J'.

## 40.8 MISTOQSIJIET

**40.8.1** Ma tqajjem l-ebda punt f'dan ir-rigward.

## 40.9 MOZZJONIJIET

**40.9.1** Ma tqajjem l-ebda punt f'dan ir-rigward.

## 40.10 TENDERS, QUOTATIONS, KUNTRATTI U OFFERTI

**40.10.1** Ma tqajjem l-ebda punt f'dan ir-rigward.

## 40.11 FINANZI

**40.11.1** Ma tqajjem l-ebda punt f'dan ir-rigward.

## 40.12 TRAFFIC MANAGEMENT

**40.12.1** Is-Sindku nforma l-kamra li nġabru l-kwotazzjonijiet għall-'sleeping polices' biex jinbidlu dawk li huma mkissrin.

Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7471/26/9** 'Sabiex dan il-Kunsill japprova l-irħas quote biex jinxtraw sitt sleeping polices ġodda.'

Din kienet sekondata mill-Kuns R Ellul.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**40.12.2** Il-Kuns M Lombardo staqsa lis-Sindku rigward il-'one ways' pendenti li għadhom iridu jsiru. Is-Sindku qal li l-Kunsill reġa talab biex issir laqgħa ma' Transport Malta però għadu qed jistenna li jingħata data, u li talab laqgħa mal-perit tal-Kunsill fuq 'traffic management' biex jiġi stabilixxit għaliex dawn għadhom ma ġewx approvati. Is-Sindku qal ukoll li ntbagħtu diversi korrispondenzi minn naħa tal-'clerk' tal-Kunsill u jekk il-Kunsill mhux ser jingħata risposta, ser jibgħat lill-Ministru.

## 40.13 PROĠETTI, TOROQ U XOGĦOLIJIET INFRASTRUTTURALI

**40.13.1** Is-Sindku nforma l-kamra li fir-rigward ta' Triq A.M. Valperga, beda 'retaining wall' u ser ikun hemm ħajt tas-sejjieħ baxx ta' 1.2 metri. Is-Sindku qal li t-triq qed tiġi ffurmata u ser tibqa nieżla sa fejn hemm it-triq il-ġdida.

**40.13.2** Is-Sindku nforma l-kamra li nqalgħu Triq Ħuttafa, Triq Ġiżimina u Triq Sardinella fejn tlestew il-bankini u s-servizzi tal-ilma. Is-Sindku qal li issa qed issir Triq San Mikiel biex isiru l-bankini u s-servizzi tal-ilma wkoll, u li ġie kkuntattjat mill-Water Services Corporation għax il-kuntrattur qed jagħmel xi xogħol biex ikun ċert li l-'main' tal-ilma għadu tajjeb. Is-Sindku qal ukoll li fi stadji minnhom, il-kuntrattur sab li l-'main' qiegħed fil-wiċċ u mhux ser jaċċetta li jħallieh hekk għax meta jagħti t-tarmak, imur il-'main' u tiġi spiża akbar. Is-Sindku kompla jgħid li l-Water Services Corporation qablu li fejn qiegħed fil-wiċċ peress li għadu ġdid, ibaxxuh aktar 'l isfel biex ma jkunx hemm problemi.

**40.13.3** Is-Sindku nforma l-kamra li fi Triq is-Summiena, biex tingħalaq il-pressa għal Triq San Mikiel ġew immarkati 'sluice valves' biex meta l-kuntrattur jasal fi Triq is-Summiena jkun jaf liema minnhom għandu jagħlaq.

**40.13.4** Il-Kuns M Lombardo qal li għandha ssir Triq il-Pluviera.

Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7472/26/9** 'Sabiex dan il-Kunsill jitlob li ssir Triq il-Pluviera mill-ġdid minn naħa ta' IM.'

Din kienet sekondata mill-Kuns R Ellul.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

## 40.14 PROGRESS TA' ĦIDMA MILL-MEMBRI TAL-KUNSILL

**40.14.1** Is-Sindku stieden lill-Kuns J Scicluna sabiex tagħmel l-intervent tagħha. Il-Kuns J Scicluna qalet li ser isir il-kors tal-'first aid' għal 20 parteċipant, fit-12 ta' Settembru 2026 bejn id-9am u 12pm ġewwa l-Kunsill Lokali, u ser ikun għar-residenti tal-Fgura biss b'eta ta' 16-il sena 'l fuq. Il-Kuns J Scicluna qalet ukoll li l-'booking' fetaħ illum fejn qed jittieħdu d-dettalji tal-persuni li jixtiequ jattendu għal dan il-kors, u li jistajkun li dan jerġa jsir fil-futur.

**40.14.2** Is-Sindku stieden lill-Kuns M Lombardo sabiex jagħmel l-intervent tiegħu. Il-Kuns M Lombardo qal li fir-rigward tal-festa,

jixtieq jirringrazzja lil kull min attenda, l-istaff tal-Kunsill u kull min ħa ħsieb l-organizzazzjoni, u li huwa sodisfatt li kollox mar sew.

**40.14.3** Il-Kuns M Lombardo qal li l-Kunsill ġie nfurmat mid-Direttorat għat-Tagħlim Tul il-Ħajja u l-Impjegabbiltà, li s'issa ma hemmx biżżejjed applikazzjonijiet biex isiru l-korsijiet tal-Malti u l-Ingliż ġewwa l-Kunsill Lokali, però d-data tal-għeluq għall-applikazzjonijiet għadha ma għalqitx.

**40.14.4** Il-Kuns M Lombardo qal li kien talab biex il-Kunsill jiċċekkja mad-Dipartiment tal-Edukazzjoni jekk hux ser isir il-Junior Science Club fis-sena skolastika li ġejja, fejn ġie nfurmat li mhux ser ikun qed isir.

**40.14.5** Il-Kuns M Lombardo qal li l-'outdoor library' fi Pjazza Reggie Miller sejra tajjeb ħafna fejn żdiedu aktar kotba, u l-pubbliku qed jagħmel użu minnha billi jieħu l-kotba u jpoġġi oħrajn minflokhom. Il-Kuns M Lombardo qal ukoll li din mhux qiegħda minflok il-librerija l-oħra, li tiffunzjona tajjeb ħafna wkoll.

**40.14.6** Il-Kuns M Lombardo qal li din is-sena fir-rigward ta' Jum il-Fgura, ser isir il-kunċert fit-23 ta' Ottubru 2026 u ser issir iċ-ċerimonja fil-25 ta' Ottubru 2026. Il-Kuns M Lombardo qal ukoll li kif semma aktar kmieni s-Sindku waqt il-laqgħa tal-Kunsill, ser ikunu qed jinfetħu n-nomini fl-1 ta' Awwissu 2026.

**40.14.7** Il-Kuns M Lombardo qal li jixtieq jiġbed l-attenzjoni rigward il-monument ta' Patri Timotju li kien l-ewwel Kappillan tal-Parroċċa tal-Fgura. Wara diskussjoni rigward jekk il-monument hux ser ikun qed isir tal-bronz jew tal-'fibre', kien hemm qbil li l-Kunsill għandu jibgħat lill-Pirjol biex issir laqgħa flimkien miegħu, fejn ikunu preżenti s-Sindku u l-Kuns C Bonello.

**40.14.8** Is-Sindku nforma l-kamra li f'waħda mill-laqgħat tal-Kunsill preċedenti, il-Kuns R Deguara kien ressaq mozzjoni biex issir ħarġa oħra bejn Ġunju u Awwissu 2026, però l-Kuns R Deguara jixtieq li din issir f'Settembru 2026.

Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7473/26/9** 'Sabiex issir emenda fid-data għal mozzjoni numru 7416/26/9 biex issir l-attività għall-anzjani issir f'Settembru minflok f'Awwissu.'

Din kienet sekondata mill-Kuns R Ellul.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

## 40.15 STAFF

**40.15.1** Is-Sindku nforma l-kamra li l-Kunsill irċieva korrispondenza minn naħa tad-District Operations Ltd rigward il-'Performance Bonus' tal-ħaddiema tal-Community Work Scheme, fejn dan ġie miżjud minn 5% għal 10% fis-sena. Is-Sindku qal li issa dan irid jitħallas f'darbtejn minflok f'darba, fejn l-ewwel wieħed ta' 5% jitħallas f'Ġunju u t-tieni wieħed ta' 5% ukoll jitħallas f'Diċembru. Is-Sindku qal ukoll li l-Kunsill bagħat lid-Dipartiment rigward dan, peress li dawn ma kienux prevvisti fil-pjan tal-'budget' għal din is-sena, u qed jistenna risposta.

**40.15.2** Is-Sindku nforma l-kamra li qed jattendu żewġ studenti fil-Kunsill Lokali għal 'summer work' fix-xahar ta' Lulju mibgħuta mid-Dipartiment tal-Edukazzjoni, fejn il-Kunsill ma kienx infurmat minn qabel li dawn ser ikunu qed jattendu, u għaldaqstant dan ġie kkomunikat mad-Diviżjoni tal-Gvern Lokali. Is-Sindku qara l-korrispondenza li l-Kunsill irċieva lura minn naħa tad-Diviżjoni annessa bħala 'Dok K'.

**40.15.3** Is-Sindku nforma l-kamra li saru l-intervisti għall-pożizzjoni ta' Segretarju Eżekuttiv mill-Bord tal-Għażla, fejn attendew tlett kandidati u ntagħżlet persuna. Is-Sindku qal li l-persuna li ntagħżlet biex timla l-pożżizjoni ta' Segretarju Eżekuttiv fil-Kunsill Lokali tal-Fgura hija s-Sa Diandra Grech. Il-Kuns J Scicluna talbet lis-Sindku biex tara CV tagħha però s-Sindku wieġeb li huwa għandu r-rapport tal-Bord tal-Għażla mhux CV fuq il-mejda, u li din tista taraha wara l-laqgħa tal-Kunsill. Il-Kuns J Scicluna staqsiet jekk għandhiex esperjenza ta' dan ix-xogħol fejn is-Sindku wieġeb fin-negattiv. Il-Kuns J Scicluna qalet li s-Sa Grech ser tkun ġdida għal dan ix-xogħol fil-Kunsill Lokali, bħalma kienet is-Segretarju Eżekuttiv ta' qabel. Is-Sindku qal li kull persuna li attendiet għall-intervista, kollha qatt ma ħadmu f'Kunsill Lokali. Il-Kuns J Scicluna staqsiet x'esperjenza għandha, fejn is-Sindku qal li għanda esperjenza fil-qasam legali ġewwa l-ARMS. Kemm il-Kuns C Bonello kif ukoll is-Sindku qalu li ma tantx hemm minn fejn tagħżel, peress li mhux qed ikun hemm ħafna persuni li japplikaw għal Segretarji Eżekuttivi. Il-Kuns J Scicluna qalet li ma tistax tieħu deċiżjoni minħabba li ma għandhiex CV tagħha. Il-Kuns C Bonello qal li l-Bord għażel l-aħjar mit-tlett kandidati li kien hemm fil-lista. Il-Kuns J Scicluna qalet li ma jfissirx li l-aħjar fil-lista hija addattata għal dan ix-xogħol, u li jekk tkun taf ix-xogħol u jkollha l-esperjenza tista tigwidak. Is-Sindku qal li għandu jkun hemm rispett reċiproku inġenerali lejn kulħadd, u li hemm Bord tal-Għażla. Is-Sindku qal lill-Kuns J Scicluna li hija mhux ser tagħżel il-persuna imma ser tagħżel dak li għażel il-Bord.

Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7474/26/9** 'Sabiex dan il-Kunsill japprova r-Rapport tal-Bord tal-Għażla li qed jirrakkomanda lis-Sa Diandra Grech biex tiġi maħtura fil-pożizzjoni ta' Segretarju Eżekuttiv fi ħdan il-Kunsill Lokali Fgura.'

Din kienet sekondata mill-Kuns R Ellul.

Il-mozzjoni għaddiet b'4 voti favur u astenzjoni waħda.

Is-Sindku talab sabiex jitniżżlu l-ismijiet.

Favur – Sindku, Kuns C Bonello, Kuns M Lombardo, Kuns R Ellul

Astenzjoni – Kuns J Scicluna

## 40.16 PURCHASE REQUEST FORM

**40.16.1** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7475/26/9** 'Sabiex jiġu approvati PRFPO għall-laqgħa tal-Kunsill ta' Lulju 2026 kif inhu anness.' (Annessa bħala 'Dok L')

Din kienet sekondata mill-Kuns R Ellul.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

## 40.17 ĦLASIJIET

**40.17.1** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7476/26/9** 'Sabiex jiġu approvati lista tal-ħlasijiet mis-17/06/2026 sa 22/07/2026 kif inhu anness.' (Annessa bħala 'Dok M')

Din kienet sekondata mill-Kuns R Ellul.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

## 40.18 AĠĠORNAMENT

**40.18.1** Il-laqgħa ntemmet fit-20:06 hrs.

Il-laqgħa ġiet aġġornata għal nhar l-Erbgħa 26 ta' Awwissu, 2026 fis-18:00hrs.

# KUNSILL LOKALI FGURA

Is-Sur Clayton Cascun Portelli
Sindku

Is-Sa Ann Marie Gatt
Deputat Segretarju Eżekuttiv

Data: 29 ta' Lulju, 2026

'Dok A'

## Fgura Local Council at Fgura Local Council

| | |
|---|---|
| **From:** | Farrugia Luke at MJRI |
| **Sent:** | Wednesday, 01 July 2026 19:44 |
| **To:** | Borg Kevin at Fgura Local Council; Camilleri Nathan at Fgura Local Council; Conti Laura at Fgura Local Council; Fgura Local Council at Fgura Local Council; Simmonds Ruth at Fgura Local Council; Grech Robert at Fgura Local Council; Mangion Amanda Jane at Fgura Local Council; Pace Zvetlana at Fgura Local Council |
| **Cc:** | Fenech Aaron at MES; Emmtoncassar@gmail.com; jasonpace100@yahoo.com; russellbriffa7@gmail.com; tawsa23@gmail.com |
| **Subject:** | RE: Re: Request for Parking Permits – CRIHM Van Locations- Fgura |
| **Attachments:** | WhatsApp Image 2026-06-29 at 14.44.10.jpeg |
| **Importance:** | High |
| **Follow Up Flag:** | Follow up |
| **Flag Status:** | Completed |
| **Categories:** | Ann |

Dear Mayor,

I am writing on behalf of the Cancer Research and Innovation Hub Malta entity to offer your free health tests to the **Fgura** residents.

I only request that the Council issue the necessary permits complimentary in exchange of providing the free health checks, for the placement of our CRIHM van on the below date and location:

- **Monday – 10th August 2026 - Reggie Miller Square – Fgura: https://maps.app.goo.gl/wKw87hnPDVFJyHX19 (6 parkings spaces) 6am-2pm.**

I would also appreciate it if a soft copy of the permits could be sent, so that we may print them from our end.

@Emmtoncassar@gmail.com can you confirm the above please?

Thank you,

Luke Farrugia,
Senior Clerk
Cancer Research and Innovation Hub Malta (CRIHM)
Parl. Sec. for Youth, Research, and Innovation

email: luke.c.farrugia@gov.mt | crihm.org

*Kindly consider your environmental responsibility before printing this e-mail*

'DokB'

**Fgura Local Council at Fgura Local Council**

| | |
|---|---|
| **From:** | David Cassar <David.Cassar@pa.org.mt> on behalf of Operations <operations@pa.org.mt> |
| **Sent:** | Tuesday, 28 July 2026 14:40 |
| **Subject:** | Registering and Interest on a Planning Application obo the Local Council |

CAUTION: This email originated from OUTSIDE the Government Email Infrastructure. DO NOT CLICK LINKS or OPEN attachments unless you recognise the sender and know the content is safe.

Any replies are to be sent to operations@pa.org.mt, so as to be dealt with expeditiously. Please do not correspond directly with individual sender.

Dear Sir/Madam,

The Planning Authority notes that Local Councils frequently submit representations in relation to planning applications. This may be done through the use of the eApplications system: https://eapps.pa.org.mt; the Authority's website: https://www.pa.org.mt; or via email on representations@pa.org. Irrespective of the method, users are normally required to specify an email address through which the Authority may contact the representee during the application process. In the case when an email is sent, it is construed that one wishes to register using the email address used to submit the said representation.

Along the years it has been noted that a number of Local Council officials use their individual email, rather than the Council's official email address: [locality].lc@gov.mt to submit representations. When the individual no longer forms part of, or no longer works for, the Council, such persons continue receiving emails regarding the case unnecessarily. Meanwhile, most request the Planning Authority to no longer contact them on the given address, but to communicate with the Council using an alternative email address. This adds administrative burden to the process unnecessarily.

To avoid similar situations in the future, we would like to appeal to all Council Mayors, members and Secretary, to use the official local council email address when submitting representations on planning applications, such that the email address remains valid, irrespective of the officials manning the mailbox.

Regards,

**David Cassar**
Assistant Director (Operations)

PLANNING AUTHORITY

3, Fra Diegu Street, Marsa, MRS 1501, Malta.

St Francis Ravelin, Floriana, FRN 1230, Malta.

Gozo Innovation Hub, GGX103, Triq il-Pitkalija, Xewkija, XWK 3000, Gozo.

'Dok Ċ'

CAUTION: This email originated from OUTSIDE the Government Email Infrastructure. DO NOT CLICK LINKS or OPEN attachments unless you recognise the sender and know the content is safe.

**Lill:** Is-Sindki, il-Kunsilliera u s-Segretarji Eżekuttivi

**Suġġett: Arranġamenti ġodda dwar il-ħlas tal-overtime tal-Pulizija waqt attivitajiet organizzati mill-Kunsilli Lokali u l-Garanzija.**

Għeżież Sindki, Kunsilliera u Segretarji Eżekuttivi,

Matul Jannar li għadda, l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali rċeviet diversi tħassib mingħand il-Kunsilli Lokali fir-rigward tal-arranġamenti applikabbli għall-attivitajiet organizzati mill-Kunsilli Lokali fuq barra, partikolarment dwar il-garanzija ta' €5,000 li kienet qed tintalab mill-pulizija u dwar l-obbligu li jitħallas l-overtime tal-Pulizija f'każ ta' kanċellazzjoni tal-attività.

Wara sensiela ta' laqgħat u diskussjonijiet bejn l-Assoċjazzjoni u l-awtoritajiet kompetenti, fosthom rappreżentanti tal-Korp tal-Pulizija u l-Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti responsabbli, intlaħaq il-ftehim li ġej:

1. **Il-garanzija ta' €5,000 għal kull attività mhux ser tibqa' tintalab lill-Kunsilli Lokali.**

2. **Il-perjodu ta' avviż għall-kanċellazzjoni mingħajr ħlas kien sa massimu ta' 72 siegħa u li dan issa ġie sa 09:00 ta' filgħodu ta' jumejn qabel l-attività.**

   Bħala eżempju, jekk attività hija skedata għall-20 ta' Lulju fit-20:00, il-Kunsill Lokali jista' jikkanċella mingħajr ebda ħlas sa nhar it-18 ta' Lulju sa 9:00 ta' filgħodu.

3. **Jekk l-attività tiġi kkanċellata wara dan il-ħin, il-Kunsill Lokali rispettiv xorta jkun obbligat iħallas l-ammont sħiħ tal-overtime tal-uffiċjali tal-Pulizija li jkunu ġew ibbukkjati. Madankollu, il-Kunsill issa ser ikollu d-dritt li jżomm lill-istess uffiċjali sabiex iwettqu xogħol ieħor fl-istess lokalità għal dak il-perjodu ta' ħin, bħall-infurzar lokali jew kompiti oħra li jkunu meħtieġa mill-Kunsill.**

Huwa importanti li jiġi ċċarat li dan il-ftehim japplika esklussivament għal attivitajiet organizzati direttament mill-Kunsilli Lokali. Dan bl-ebda mod ma jestendi għal attivitajiet organizzati minn għaqdiet, entitajiet, kumpaniji privati jew partijiet terzi oħra li jagħmlu użu mill-Kunsill Lokali sabiex jevitaw l-obbligi jew il-kundizzjonijiet applikabbli għalihom. F'każ li Kunsill Lokali jabbuża minn dan l-arranġament jew jippermetti li jintuża għal tali skop, il-Kunsill Lokali rispettiv ikun qed jerfa' r-responsabbiltà legali u amministrattiva kollha li tista' tirriżulta minn tali aġir.

L-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali temmen li dan huwa arranġament ġust u bilanċjat li jindirizza t-tħassib li kien ġie espress mill-Kunsilli Lokali, filwaqt li jipprovdi aktar flessibbiltà u jnaqqas il-piż finanzjarju fuq il-Kunsilli.

Nixtiequ nirringrazzjaw lill-awtoritajiet kollha involuti għall-kollaborazzjoni tagħhom sabiex jintlaħaq dan il-ftehim, li ninsabu konvinti li ser jagħmel differenza pożittiva għall-Kunsilli Lokali u għall-organizzazzjoni tal-attivitajiet fil-komunitajiet tagħna.

Tislijiet,

'Dok D'

CAUTION: This email originated from OUTSIDE the Government Email Infrastructure. DO NOT CLICK LINKS or OPEN attachments unless you recognise the sender and know the content is safe.

Lill-Presidenti Reġjonali,
Sindki, Kunsilliera,
Segretarji Eżekuttivi u Uffiċjali Maniġerjali

Għeżież,

L-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali għandha l-pjaċir tħabbar li għal sena oħra ser tkun qed tikkoordina delegazzjoni Maltija għall-**Smart City Expo World Congress 2026**, li ser isir f'Barcelona bejn it-3 u l-5 ta' Novembru.

L-Expo huwa meqjus bħala **l-akbar u l-aktar avveniment internazzjonali importanti fid-dinja dwar l-innovazzjoni urbana, il-governanza lokali u l-iżvilupp ta' bliet intelliġenti**, u kull sena jiġbor flimkien eluf ta' rappreżentanti ta' gvernijiet, awtoritajiet lokali, esperti, akkademiċi u kumpaniji minn aktar minn 130 pajjiż sabiex jaqsmu esperjenzi, teknoloġiji u soluzzjonijiet għall-isfidi urbani tal-lum u ta' għada.

Din is-sena l-parteċipazzjoni ta' Malta ser tkun waħda aktar b'saħħitha minn qatt qabel, hekk kif l-Assoċjazzjoni ser tkun qed **torganizza u tmexxi stand uffiċjali** ddedikat għall-promozzjoni tal-ħidma tal-Assoċjazzjoni, Kunsilli Reġjonali u anki dawk il-Kunsilli Lokali li jixtiequ jesebixxu proġetti tagħhom. Permezz ta' dan l-ispazju ser inkunu qed nippreżentaw il-ħidma, il-proġetti innovattivi u l-aqwa prattiċi tal-Kunsilli Lokali u tar-Reġjuni tagħna, filwaqt li noħolqu opportunitajiet ġodda ta' networking u kollaborazzjoni internazzjonali.

Bis-saħħa tal-kuntatti li ġew stabbiliti mal-organizzaturi tal-Expo u anki b'kollaborazzjoni mal-Kunsill Lokali tal-Belt Valletta, qed naħdmu wkoll sabiex norganizzaw **laqgħa istituzzjonali uffiċjali mal-Kunsill tal-Belt ta' Barcelona**, kif ukoll programm komuni għad-delegazzjoni Maltija li jkun jinkludi:

- żjara istituzzjonali;
- networking ma' rappreżentanti internazzjonali;
- tour organizzat tal-Expo;
- laqgħat ma' esebituri u esperti internazzjonali;
- opportunitajiet ta' kollaborazzjoni Ewropea.

Barra minn hekk, l-Assoċjazzjoni qed taħdem sabiex torganizza **programm** li jippermetti lill-parteċipanti jieħdu l-aħjar mill-esperjenza tagħhom matul it-tlett ijiem tal-avveniment.

Grazzi għall-kollaborazzjoni li nbniet mal-organizzaturi tal-Expo, l-Assoċjazzjoni ser tkun qed toffri **biljett ta' dħul ta' tlett ijiem mingħajr ħlas**, li normalment għandu valur ta' madwar **€200 għal kull persuna**.

Dawk kollha interessati huma mitluba:

- jiksbu l-approvazzjoni tal-Kunsill Lokali jew tar-Reġjun rispettiv tagħhom sabiex jattendu;

'Dok D'

- jikkuntattjaw lill-Assoċjazzjoni biex jiġi rriżervat il-biljett tad-dħul.

Peress li n-numru ta' biljetti huwa limitat, kull biljett ser jinżamm riżervat għal **massimu ta' ħmistax-il (15) jum** minn meta tiġi kkonfermata l-allokazzjoni mill-Assoċjazzjoni. Jekk matul dan il-perjodu ma jkunux ġew ikkonfermati l-arranġamenti għall-parteċipazzjoni permezz ta' kopja tal-biljett tal-ajru, il-biljett tad-dħul jiġi rilaxxat sabiex ikun jista' jiġi allokat lil persuna oħra.

Nappellaw sabiex kemm jista' jkun Kunsilli Lokali u Reġjuni jieħdu vantaġġ minn din l-opportunità unika, li mhux biss tippermetti aċċess għall-aktar innovazzjonijiet reċenti fil-qasam tal-governanza urbana u t-teknoloġija, iżda wkoll tqiegħed lill-Gvern Lokali Malti fuq pjattaforma internazzjonali ta' prestiġju.

Ir-reġistrazzjonijiet jistgħu jiġu sottomessi permezz tal-link li tinsab hawnhekk.

Grazzi u tislijiet,

Mario Fava
President

Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali - Local Government Building, Triq il-Gvern Lokali, Marsa MRS3000
Tel: +356 2596 3090
Website: www.lca.org.mt
F: Local Councils' Association

Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali
Local Councils' Association Malta

'Dok E'

## Gatt Ann Marie at Fgura Local Council

**From:** Scerri Kurt at MLGP
**Sent:** Monday, 27 July 2026 14:18
**To:** Scerri Kurt at MLGP
**Subject:** Malta Tells – Opportunità biex Il-Lokalità Tagħkom Tingħata Aktar Viżibilità
**Attachments:** 741906614_1221014050773886647_2264743716111340523_n.jpg; 740216083_1221013917213886647_8822963224112693049_n.jpg

Rispettabbli Sindku
Segretarju Eżekuttiv

Għeżież,

Id-Diviżjoni għall-Gvern Lokali hija waħda mill-entitajiet ewlenin li qed tikkolabora fl-inizjattiva **Malta Tells**, proġett artistiku u kulturali innovattiv li għandu l-għan li jippromwovi l-lokalitajiet ta' Malta u Għawdex permezz ta' esperjenzi kreattivi li jenfasizzaw l-identità, l-istorja, il-kultura u l-karatteristiċi uniċi ta' kull komunità.

Il-proġett Malta Tells se jagħti ħajja ġdida lil diversi ispazji pubbliċi madwar Malta u Għawdex permezz ta' gallarija tradizzjonali Maltija li se sservi ta' palk għal wirjiet teatrali u artistiċi interattivi. Din l-inizjattiva se tiċċelebra l-identità, l-istorja u l-karattru distintiv tal-lokalitajiet tagħna, filwaqt li tħeġġeġ lir-residenti u lill-viżitaturi jesploraw, japprezzaw u jiskopru l-wirt kulturali, artistiku u storiku ta' kull raħal u belt.

Wieħed mill-għanijiet ewlenin tal-proġett huwa li jinkoraġġixxi kemm lir-residenti kif ukoll lit-turisti, lokali u barranin, biex jiskopru postijiet, stejjer u attrazzjonijiet li forsi mhumiex magħrufa biżżejjed, filwaqt li jikkontribwixxi wkoll għal turiżmu kulturali sostenibbli u jkompli jsaħħaħ l-apprezzament għall-wirt nazzjonali tagħna.

F'dan ir-rigward, nixtiequ ninfurmawkom li matul il-ġimgħat u x-xhur li ġejjin ir-rappreżentanti tal-proġett ser jikkuntattjaw lill-Kunsill tagħkom sabiex jinġabru informazzjoni u materjal relatat mal-lokalità tagħkom. Ser tkun wkoll offruta l-opportunità li tingħataw spazju sabiex fih twasslu informazzjoni dwar proġetti u attivitajiet li tkunu qed taħdmu fuqhom. Din il-kollaborazzjoni hija importanti sabiex il-proġett ikun jista' jirrifletti bl-aktar mod awtentiku l-istorja, il-kultura u l-karatteristiċi uniċi ta' kull lokalità.

L-informazzjoni li tista' tintalab tinkludi, iżda mhijiex limitata għal:

- Siti storiċi u monumenti;
- Knejjes, kappelli, palazzi, djar tradizzjonali u binjiet ta' valur storiku;
- Festi, wirjiet, attivitajiet kulturali u avvenimenti lokali;
- Personalitajiet storiċi marbuta mal-lokalità u l-kontribut tagħhom;
- Tradizzjonijiet, stejjer lokali, folklor u wirt artistiku;
- Attrazzjonijiet naturali jew arkitettoniċi;
- Postijiet jew elementi ta' interess li jistħoqqilhom aktar viżibilità.

Il-parteċipazzjoni tal-Kunsilli Lokali f'din l-inizjattiva se tgħin sabiex il-lokalitajiet tagħna jingħataw aktar viżibilità u promozzjoni, filwaqt li toħloq opportunitajiet ġodda biex il-komunitajiet lokali jaqsmu l-istorja, il-kultura u l-identità tagħhom ma' udjenza usa'.

Nirringrazzjawkom bil-quddiem tal-koperazzjoni u l-appoġġ tagħkom, u nħeġġukom tassistu lir-rappreżentanti tal-proġett meta tiġu mitluba informazzjoni relatata mal-lokalità tagħkom.

(Aktar dettalji: https://tvmnews.mt/news/gallarija-tradizzjonali-maltija-bl-ghan-li-taghti-hajja-gdida-lill-ispazji-pubblici/)

'Dok F'

**Pace Zvetlana at Fgura Local Council**

---

| | |
|---|---|
| **From:** | Fgura Local Council at Fgura Local Council |
| **Sent:** | Wednesday, 29 July 2026 12:00 |
| **To:** | Mangion Amanda Jane at Fgura Local Council; Conti Laura at Fgura Local Council |
| **Cc:** | Clayton Portelli Cascun; Borg Kevin at Fgura Local Council; Callus Andrew at Local Councils; Pace Zvetlana at Fgura Local Council |
| **Subject:** | FW: Skart |

---

**From:** Mark Lombardo <lombardomark1966@gmail.com>
**Sent:** Wednesday, 29 July 2026 09:40
**To:** Fgura Local Council at Fgura Local Council <fgura.lc@gov.mt>
**Cc:** Gatt Ann Marie at Fgura Local Council <ann-marie.gatt.1@gov.mt>; Clayton Portelli Cascun <cascun4fgura@gmail.com>
**Subject:** Skart

CAUTION: This email originated from OUTSIDE the Government Email Infrastructure. DO NOT CLICK LINKS or OPEN attachments unless you recognise the sender and know the content is safe.

